29 ta' Jannar, 1948.

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Maestà Tiegħu r-Re

*versus*

Achille Borg

**Att ta' l-Akkuża — Nullità — Impjegat Publiku — Storn — Art. 125 tal-Kodiċi Kriminali.**

*Hu ċar illi biex ikun hemm lok għan-nullità ta' att ta' l-akkuża hemm bżonn li jkun hemm xi difett fih.*

*Att ta' l-akkuża fejn l-Attorney General jassumi li l-akkużat huwa impjegat publiku u għalhekk, billi l-addebitu jkun ta' approprjazzjoni ta' flus, jakkużah fuq storn, ma hux difettuż; anzi dak l-att kien ikun difettuż kieku l-Attorney General, wara li ppremetta li l-akkużat hu impjegat publiku, jakkużah b'delitt fejn ma tidħolx dik il-kwalifika ta' impjegat publiku.*

*Għax hu ovvju li għandha ssir distinzjoni bejn nullità ta' l-att ta' l-akkuża bażata fuq difett rikavabili "ex facie" ta' l-istess att ta' l-akkuża, u ineżistenza ta' dak id-delitt partikulari minħabba n-nuqqas ta' wieħed mill-elementi tiegħu.*

Il-Qorti, — Rat in-nota ta' l-akkużat li biha eċċepixxa preliminarment illi ma setax jiġi addebitat lilu r-reat dedott fl-att ta' l-akkuża, peress li hu ma hux uffiċjal jew impjegat publiku;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi fit-trattazzjoni d-difensur ta' l-akkużat irrileva li l-eċċezzjoni tiegħu hi waħda ta' nullità ta' l-att ta' l-akkuża;

Illi hu ċar li biex ikun hemm lok għan-nullità ta' l-att ta' l-akkuża hemm bżonn li jkun hemm difett fih;

Illi fl-att ta' l-akkuża l-Attorney General qiegħed jassumi li l-akkużat huwa impjegat publiku, u għalhekk, ladarba l-Attorney General qiegħed jakkużah b'approprjazzjoni ta' flus, l-akkuża kellha tkun ta' storn taħt l-art. 125 Kap. 12, u għaldaqstant f'dana s-sens ma hemm ebda difett fl-att ta' l-akkuża. Anzi kien ikun hemm difett fl-att ta' l-akkuża kieku l-Attorney General, wara li ppremetta li l-akkużat huwa impjegat publiku, imbagħad akkużah b'delitt fejn ma tidħolx dik il-kwalifika ta' impjegat publiku;

Illi hu ovvju li għandha ssir distinzjoni bejn nullità ta' l-att ta' l-akkuża bażata fuq difett rikavabili "ex facie" ta' l-istess att ta' l-akkuża, u ineżistenza ta' dak id-delitt partikulari minħabba n-nuqqas ta' wieħed mill-elementi tiegħu;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi;

Tiċħad l-eċċezzjoni sollevata mid-difiża; bir-riżerva illi d-difiża tkun tista' ġġib 'il quddiem l-istess kwistjoni fl-istadji ulterjuri tal-proċess.